MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2004

Numru 562/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia**
**u Spettur Therese Sciberras)**

**Vs**

Ashref Mohammed Ahmed Aroud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Ashref Mohammed Ahmed Aroud ta’ karta ta’ identita’ numru H483662, akkuzat:

1. nhar it-3 ta’ Lulju, 2004 waqt li kien fi Triq Ball gewwa Paceville, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd u cioe’ Pierre Caruana detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 424562M, jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli

jaghmel xi haga u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 251(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. u akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bejn is-saghtejn (14:00 hrs) u t-tmienja ta’ filghaxija (20:00 hrs), bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, gewwa Paceville, San Giljan arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmi Pierre Caruana, jew heddu bil-mewt, u dan sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra, u biex Pierre Caruana jkun imgieghel jaccetta li jaghmel xi trasferiment ta’ hwejjgu;

3. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew iwaddabhom jew qabad armi ohra kontra Pierre Caruana u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(B) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. u finalment akkuzat ukoll talli huwa sar recediv u li kiser il-Provediment tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta meta b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, gie misjub hati ta’ reat u ikkundannat ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar prigunerija, liema sentenza giet sospiza ghal perjodu ta’ tlett snien, u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat r-relazzjoni tal-espert graffiku nominat fl-udjenza tat-2 ta’ Novembru, 2004 fuq talba tad-difiza.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jippotizzaw, taht il-Kap 9 l-uzu ta’ vjolenza pruvata (Artikolu 251), l-arrest u s-sekwestru

illegali (Artikolu 86), l-offiza kontravenzjonali ta' theddid (Artikolu 339/1/b) u l-ksur tal-Artikolu 28A fil-waqt li wettaq dawn l-allegati reati fil-perjodu ta' sentenza sospiza.

Il-fatti fil-qosor huma li l-kwerelant u l-imputat nibtu relazzjoni bejniethom u fuq stedina tal-kwerelant hu u l-imputat ghamlu xi perjodu jabitaw flimkien f'appartament li l-kwerelant ghandu f'San Pawl il-Bahar. Xi zmien wara l-imputat telaq u mar f'appartament f'Paceville wkoll proprejta' tal-kwerelant. Kien proprju f'dan l-appartament ta' Paceville illi allegatament sehhew ir-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat u li nghad gew imwettqa fit-3 ta' Lulju ta' din is-sena meta l-kwerelant kien mar f'dan l-appartament tieghu u skonnettja l-'fuses' tad-dawl u l-ilma.

Huwa hawnhekk opportun li jigi sottolinejat li l-akkuza tal-arrest u sekwestru illegali hi allegata li saret ghal fini ta' estorsjoni, jigifieri bl-agravju taht l-Artikolu 87(1)(c).

Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi sodifatta li l-akkuzi jinsabu pruvati kontra l-imputat u dana minn cirkustanzi qawwija li juru l-oppost ghal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tieghu rilaxxjata minnu lill-Pulizija. L-ahhar akkuza tinsab pruvata permezz tas-sentenza esebita u d-dikjarazzjoni mid-difensur tal-imputat fir-rigward l-istess sentenza.

Fil-kuntest tal-piena kemm cirkustanzi li fil-fehma tal-Qorti jimmilitaw kontra li l-imputat jinghata perjodu ta' prigunerija effettiva. Dawn huma li l-kwerelant irrinunzja ghal kull haga li hi rinunzzjabbli u li bis-sentenza precedenti, esebita u fuq accennata, l-imputat gie iddikjarat immigrant ipprojibit u dana apparti li l-imputat ghamel l-fuq minn xahrejn il-habs in konnessjoni mal-akkuzi odjerni.

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati flimkien ma' l-Artikolu 17 tal-imsemmi Kap 9 qeghdha tiddecidi l-kawza billi:

1. rigward it-tielet imputazzjoni u stante r-rinunzja tiddikjara procediment estint.

2. li ssib l-imputat hati tal-akkuzi l-ohra izda u fic-cirkostanzi anka ghaliex l-imputat ser jigi rimoss minn dawn il-gzejjer tikkonferma kontra tieghu s-sentenza sospiza ta’ tmintax il-xahar sospizi ghal tlett snin b’dan illi l-perjodu operattiv ghandu jibda jghodd mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------